MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2012

Numru 1372/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tevor Micallef)**

**Vs**
**Carl Debono, iben Mario u Grazia nee` Pisani, twieled 16 ta’ Novembru 1989, Pieta, residenti Blk C, Fl 2, Triq Wigi Rosato, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` 546089(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 ta’ Dicembru, 2012, ghal habta ta’ s-saghtejn neqsin ghoxrin ta’ filghodu:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Robert David Martin (Art 216 Kap 9 Kodici Kriminali)

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad arma, strument u ghodod ohra li tigi klassifikata bhala arma irregolari (Art 64(2) Chp9)

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied Art 338(dd) Kap 9 tal-Kodici Kriminali)
Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel u illi huwa ghandu bzonn l-ghajnuna minhabba s-sahha mentali tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 64, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zimen tlett (3) snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lil hati that penali ta' elf euro (€1000) li jzomm il-pace ma Robert David Martin u dan ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------